UNJONI EWROPEA

# L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:

## Għodda biex twassal l-ideat tiegħek madwar l-UE



## Għaliex għandek tieħu l-inizjattiva?

**Aġixxi dwar kwistjonijiet li jinteressawk** – agħfas il-"buttuna ibda" tal-aġenda tal-UE

**Ibni network** u ikseb appoġġ mill-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

**Apoġġja b'mod li jaħdem għalik** – iffirma jew mexxi kampanja għal inizjattiva

## Ħu l-inizjattiva!

**Li tagħmel il-pass biex tissottometti inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej jista' jippremjak b'ħafna modi. Mill-ġbir tal-firem, sakemm tara l-idea tiegħek mifruxa fost iċ-ċittadini sħabek, kampanja ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej hi kkaratterizzata minn ħafna kisbiet u stadji importanti speċjali. Kollox hu possibbli bil-pass li ħadt. Għaliex ma tagħtix daqqa t'għajn lejn x'għandhom x'jgħidu l-organizzaturi dwar il-vjaġġi tagħhom matul l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:**

" Bit-tnedija ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, stajna nisimgħu l-perspettivi u jkollna diskussjonijiet fantastiċi ma' nies madwar l-UE li normalment qatt ma konna se nkunu nistgħu nitkellmu magħhom matul il-ħidma tagħna. L-aktar ħaġa pożittiva kienet ir-ringrazzjament u l-kliem ta' inkoraġġiment mis-sostenituri madwar l-Ewropa. Din il-motivazzjoni fakkritna għaliex – anke meta hu diffiċli - hu daqshekk importanti li nsemmgħu leħinna."

**L-organizzaturi tal-inizjattiva tas-soċjetà ċivili għal projbizzjoni ta' prattiki bijometriċi ta' sorveljanza tal-massa/ "Reclaim Your Face"**

" It-tnedija ta' ECI hi ċ-ċavetta biex jinfetaħ il-bieb! Hu mod kif tagħmel it-talbiet tiegħek u jkollok ċans serju li tagħmel differenza. L-ideat tagħna ġew inklużi fir-riżoluzzjoni dwar "akkomodazzjoni għal kulħadd" tal-Parlament Ewropew dan l-aħħar. Hu importanti li nippruvaw niġbru miljun firma, iżda li niffokaw l-aktar fuq is-suġġett u l-kontenut. Poġġi t-talbiet tiegħek u kompli, anki jekk ma tistax tiġbor miljun firma! Il-maġija sseħħ wara, bħalma qed jiġri bil-proġett ta' segwitu tagħna housing4europe.org. Iltqajna ma' bosta nies li qed jissieħbu."

**L-organizzaturi tal-inizjattiva HOUSINGFORALL**

" L-ECI tagħna kienet konformi ħafna mal-objettivi u l-miżuri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll mal-Aġenda 2030 tan-NU. Għalhekk, mill-Kummissjoni von der Leyen 'l hawn, ġew diskussi kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-ħamrija fil-livell tal-UE. Ġejt mistieden nippreżenta l-ideat tagħna fil-laqgħat tal-Parlament Ewropew. Wara li l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija l-ġdida dwar il-Ħamrija: dan hu eżattament dak li konna qed nitolbu bl-ECI tagħna, dan ġara biss tliet snin wara."

**L-organizzaturi tal-inizjattiva People4Soil**

# Fatti ewlenin dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

Introdotta mit-**Trattat ta' Lisbona** li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009

**Saret operattiva** fl-1 ta' April 2012 meta l-ewwel regolament tal-ECI beda japplika

**Miljun firma** meħtieġa biex tissottometti l-proposta tiegħek lill-Kummissjoni, bl-obbligu li tilħaq in-numri minimi f'mill-anqas 7 pajjiżi tal-UE

L-organizzaturi jistgħu jużaw mingħajr ħlas is-**Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online** mmexxija mill-Kummissjoni, li tippermetti l-ġbir online tal-firem f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data

Diversi inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej irnexxielhom jilħqu n-numru meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ biex il-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni. Xi wħud minnhom irriżultaw f'leġiżlazzjoni ġdida, filwaqt li oħrajn kellhom riżultati sinifikanti oħrajn.

KA-07-21-087-MT-N

# Id-demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-UE – gwida qasira

**Bħala ċittadin tal-UE, għandek id-dritt li tieħu sehem fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Hawnhekk, nagħtu ħarsa lejn ix-xenarju vast ta' għodod li jippermettulek issemma' leħnek u tinvolvi ruħek u ssawwar politiki fil-livell tal-UE.**

**1. Ivvota jew oħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet Ewropej.** Ivvota għall-kandidati li l-aġenda politika tagħhom tirrifletti bl-aħjar mod ix-xewqat tiegħek għall-UE. Matul il-mandat tagħhom, żomm kuntatt mal-MEPs tiegħek sabiex ikunu jistgħu jirrappreżentaw l-interessi tiegħek. Iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE għandhom ukoll drittijiet elettorali. Għandek ukoll id-dritt li toħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet. Skopri kif.

**2. L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej** – Kif spjegat hawn fuq, l-ECI tippermettilek tipproponi azzjoni dwar kwistjoni li tinteressak u tiġbor appoġġ madwar l-UE. Ladarba jinġabru miljun firma, inti tiltaqa' mal-Kummissjoni u tipparteċipa fi smigħ pubbliku fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni mbagħad teżamina s-sustanza tal-inizjattiva tiegħek u tadotta tweġiba formali li tispjega x'azzjoni se tieħu jew, jekk ma tiġi proposta ebda azzjoni ta' segwitu, tispjega għaliex le. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li tagħmel proposta leġiżlattiva, japplikaw il-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jkollhom jadottaw il-proposta biex isiru liġi tal-UE.

**3. Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (2021/2022)** tagħti liċ-ċittadini l-kapaċità li jissieħbu fid-dibattitu pan-Ewropew, jorganizzaw avvenimenti minn isfel għal fuq, u jressqu proposti li huma jqisu importanti għall-futur tal-UE. Il-pjattaforma multilingwi tal-Konferenza tfasslet biex tqajjem dibattitu verament pan-Ewropew, li jippermetti li jinġabru l-proposti kollha relatati mal-Konferenza. L-istituzzjonijiet tal-UE impenjaw ruħhom li jagħtu segwitu għar-riżultati tal-Konferenza, kull fejn ikun possibbli.

**4. Il-Portal Semma' Leħnek** jippermetti liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati kollha (l-awtoritajiet pubbliċi, l-NGOs, ir-riċerkaturi, l-akkademiċi, in-negozji) jibagħtu l-feedback tagħhom u jikkontribwixxu għat-tfassil tal-inizjattivi tal-UE. Aqsam il-fehmiet u l-opinjonijiet tiegħek dwar il-liġijiet u l-inizjattivi tal-UE li ġejjin, billi twieġeb il-kwestjonarju ta' konsultazzjoni pubblika jew tikkummenta dwar abbozzi legali. Il-Kummissjoni tanalizza u tiġbor il-feedback u l-kontribuzzjonijiet li jaslu. Ir-rapporti jsiru disponibbli taħt xi inizjattivi. B'dan il-mod tista' tara kif il-feedback jikkontribwixxi biex jiġu rfinati l-inizjattivi. Tgħallem aktar.

**5. Il-Portal Semma' Leħnek: Issimplifika** jippermettilek taqsam l-ideat tiegħek dwar kif jiġu ssimplifikati l-liġijiet eżistenti tal-UE. Is-suġġerimenti tiegħek se jiġu diskussi mill-grupp ta' esperti tal-**Pjattaforma Fit for Future**. Agħti ħarsa lejn il-lista ta' suġġetti fil-programm ta' ħidma tal-Pjattaforma u xxerja l-ideat tiegħek biex iżżid il-potenzjal ta' diġitalizzazzjoni tagħhom, biex tissimplifika l-proċeduri u l-obbligi marbuta mat-tikkettar, mal-awtorizzazzjonijiet u mar-rappurtar, jew biex tevita d-duplikazzjoni jew l-inċertezza. Tista' wkoll tipproponi suġġetti ġodda.

**6.** Issottometti **petizzjoni lill-Parlament Ewropew** dwar il-mod kif tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni Ewropea u kif din taffettwalek ħajtek. Il-petizzjonijiet huma relatati ma' attivitajiet tal-UE eżistenti; ma jistgħux jitolbu proposti għal liġijiet ġodda tal-UE; dawn jistgħu jiġu sottomessi minn petizzjonant wieħed. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandu l-għan li jipprovdi tweġiba għall-petizzjonijiet kollha u, fejn possibbli, rimedju mhux ġudizzjarju għal tħassib leġittimu dwar kwistjonijiet relatati mal-oqsma ta' attività tal-UE li l-petizzjonanti jqajmu. Skopri kif taħdem.

**ĦU L-INIZJATTIVA**

**L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**
**l-għodda tiegħek biex tifforma l-politika Ewropea**

UNJONI EWROPEA

**#EUTakeTheInitiative**
**europa.eu/citizens-initiative**

© Unjoni Ewropea, 2021 L-użu mill-ġdid hu awtorizzat dment li jiġi rikonoxxut is-sors. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

ISBN: 978-92-76-43609-6 – DOI: 10.2792/720061